A.L. 111 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Diplomatic Studies – taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Diplomatic Studies, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' 2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Diplomatic Studies - taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 207 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilita`

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-emenda għall-ordinament 5 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Il-Kors għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu."

L-emenda għall-ordinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. L-istudenti li jiksbu t-30 kredtu assenjati għall-Ewwel Sena u jagħżlu li ma jkomplux għat-Tieni Sena tal-Kors jew, li jonqsu milli jiksbu d-Diploma, ikunu eliġibbli għall-għoti tas-Certificate in Diplomatic Studies."